MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 508/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Amy Jane Cardona (K.I. 32897M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas minghand il-konvenuta fis-somma ta’ tlett mija, tlieta u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€393.53) in konnessjoni ma’ servizzi rezi (AC51030945); Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 488/11. Ra li s-Socjeta’ attrici annettiet ma l-Avviz tat-talba serje ta’ dokumenti mmarkati minn ‘DOK A’ sa ‘DOK F’ in sostjen tat-talba taghha.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 t'April, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija, tlieta u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€393.53) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------